# It-Tagħlim Elementari Governattiv
## *fl-Ewwel Snin tas-Seklu Għoxrin f'Ħal Kirkop*

© **Carmen Lia** *B. Ed. (Hons.), B.A.*

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, in-nies bdiet tifhem l-importanza ta' xi tip ta' struzzjoni pubblika. Sa dan iż-żmien, it-tagħlim kien isir ftit li xejn u l-maġġoranza tat-tfal kienu jitilgħu f'injoranza kbira. L-irħula iżda, kienu f'sitwazzjoni ferm agħar mill-ibliet. Il-livell ta' l-edukazzjoni tal-poplu kien baxx ħafna.

Ħal Kirkop kien jifforma parti mis-Sitt Distrett għall-finijiet u effetti tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u dan flimkien ma' l-iskejjel taż-Żurrieq, l-Imqabba u l-Qrendi. F'Ħal Kirkop, dak iż-żmien konna nsibu skola elementari minn Standard I sa IV, skola ta' bil-lejl li fil-bidu kienet għas-subien biss, sakemm fl-1920 infetħet skola għall-bniet ukoll u skejjel taż-żgħar (*infant schools*) għall-bniet u għas-subien li nfetħu fl-1905. Ma kienet teżisti l-ebda skola privata fis-Sitt Distrett kollu. Kien biss fiż-Żejtun li kien hemm skola li tiftaħ il-Ħadd.

Kien ukoll fil-bidu tas-seklu għoxrin, li l-awtoritajiet bdew jiddiskutu jekk l-edukazzjoni kellhiex tkun obbligatorja jew le peress li l-attendenza tat-tfal fl-iskejjel kienet tonqos drastikament matul is-Sena Skolastika.

### L-Iskola ta' Ħal Kirkop fl-1901

Fl-1901, l-iskola ta' Ħal Kirkop kienet affettwata mis-sitwazzjoni politika ta' Malta kolonjali. Il-politika tifforma parti integrali mill-ħajja tal-poplu u fil-bidu tas-seklu kienet saret suġġett taħraq ferm. Kien żmien meta l-lingwi Taljana u Ingliża kienu għadhom jiġġieldu kontra xulxin biex jiġi deċiż liema lsien kellu jkun dak uffiċjali f'Malta. Il-lingwa Maltija bdiet tiġi wżata biex taqla' 'l barra t-Taljana. Dawk favur din ta' l-aħħar, għamlu minn kollox fil-Kunsill tal-Gvern kif ukoll barra biex tkun evitata l-eliminazzjoni tal-lingwa għażiża għalihom. Naturalment mal-lingwa tintrabat il-kultura, u mal-kultura nsieħbu l-edukazzjoni. Għalhekk ma setax jonqos li l-iskejjel ikunu affettwati bil-kbir, speċjalment fl-irħula mbiegħda fejn kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni u fejn kienu jinħolqu xnigħat nieqsa mill-verità.

Każ fejn numru ta' skejjel ġew imħarbta sew minħabba l-politika, ġara fl-1901. Il-ġenituri tat-tfal fl-iskejjel kienu ngħataw karta biex jagħżlu jekk iridux l-lingwa Ingliża flok it-Taljana għat-tagħlim ta' wliedhom.

Fi proklama li ħareġ il-Gvernatur nafu li ħafna ġenituri daħlu fl-iskejjel u ħadu t-tfal tagħhom lura lejn id-dar. Dan minħabba għidut li l-Gvern kolonjali kien qed idaħħal l-Ingliż fl-iskejjel biex b'hekk is-subien ikunu jistgħu jinġabru suldati għall-gwerra fit-Transval (Afrika ta' Isfel), li kienet qed tiġi miġġielda f'dak iż-żmien. Il-bniet ukoll kienu jkunu jistgħu jintbagħtu bħala ħassiela u sefturi ma' l-Armata Ingliża. Barra dan, xniegħa oħra kienet li kien qiegħed jiġi mgħallem il-qari bl-Ingliż u l-Malti biex l-istudenti wara jkollhom jemigraw jew inkella jitilfu l-impjieg tagħhom f'Malta.

Il-Gvernatur ċaħad għal kollox dawn il-qlajjiet u ħareġ proklama. Din il-proklama nħarġet biex isserraħ moħħ dawk il-ħafna ġenituri li kienu emmnu dawk l-għidut. L-ewwel skola li għaddiet minn speċi ta' ferħ ta' ġenn kienet dik ta' Sannat f'Għawdex, meta l-istudenti ta' din l-iskola nħarġu kollha mill-ġenituri tagħhom fit-23 ta' April 1901. Ix-xahar ta' wara mess lin-Nadur. F'Malta, bejn is-6 u l-10 ta' Mejju ta' l-istess sena, numru ta' skejjel primarji għaddew mill-



*Tfal Koppin fi klassi ta' l-Iskola Primarja tas-sena 1957.*
*Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin jidhru: Joseph Grech, Leonard Ellul, l-għalliem Ċikku Mizzi, Francis Theuma u Joe Mizzi.*
*Bilqiegħda: Michael Cutajar, Leonard Farrugia u Dione Sacco.*

istess konfużjoni fejn ġenituri daħlu għat-tfal, ħaduhom u għajru lill-għalliema fl-istess ħin.

Fost l-iskejjel f'Malta li kellhom din l-esperjenza kien hemm dik ta' Ħal Kirkop. Membri tal-kleru kienu bdew ibeżżgħu lill-ommijiet, u dawn tant twerwru li f'paniku marru u ħadu lil uliedhom mill-iskejjel.

## Kapijiet ta' l-Iskola

Il-kapijiet ta' l-Iskola Primarja kollha kienu maħtura mill-Gvernatur. Filwaqt li fiż-Żurrieq kien hemm kapijiet tat-tieni kategorija, f'Ħal Kirkop, raħal żgħir b'popolazzjoni żgħira, il-kapijiet ta' l-iskola kienu tat-terza kategorija. Dan kien ifisser li mill-1911 'il quddiem, il-kapijiet irġiel kellhom paga li tvarja minn 50 sa 65 lira sterlina filwaqt li l-kapijiet nisa kienu jitħallsu anqas, jiġifieri minn 40 sa 55 lira sterlina fis-sena.

Mill-1 ta' Jannar 1901, il-kap ta' l-iskola tas-subien kien Alfonso Spiteri li kellu salarju ta' 81 lira sterlina fis-sena. Dam kap għal snin twal f'din l-iskola. Emilia Buccia kienet il-kap ta' l-iskola tal-bniet. Hija bdiet fl-1 ta' Ottubru 1905 b'salarju ta' 55 lira sterlina fis-sena fejn damet diversi snin bħala l-kap ta' l-iskola.

L-attendenza fl-iskola kienet tajba ħafna. Fl-1900 kien hemm 57 jattendu, 28 bniet u 27 subien.

## Skola ta' bil-Lejl (Skola Serali jew Night School)

Ħafna mill-għalliema kellhom salarji baxxi ħafna. Biss, numru minnhom kienu jippruvaw iżidu d-dħul tagħhom permezz ta' xogħol ieħor ġo l-istess skola. L-iskola ta' bil-lejl kienet sors ta' xi ftit flus żejda għall-kap ta' l-iskola tas-subien ta' Ħal Kirkop.

Il-ħlas kien ġeneralment ta' 16-il lira sterlina fis-sena. Insibu li l-kap Alfonso Spiteri kien jgħallem fl-iskola serali fl-1914 u kellu 16-il lira sterlina fis-sena. L-iskola ta' bil-lejl kienet għas-subien biss u kienet tiftaħ f'Ottubru ta' kull sena. Fl-1921 infetħet skola ta' bil-lejl għall-bniet ukoll. L-attendenza f'din l-iskola ta' bil-lejl kienet tvarja ħafna. Fl-1900 attendew 18-il tifel u dan kien numru kbir ħafna meta kkomparat ma' l-irħula tal-viċin fl-istess sena.

Il-ħin tal-ftuħ ta' l-iskola serali kien ivarja kull xahar. Fil-Mosta nsibu li l-iskola kienet tiftaħ fis-7.00pm. Fil-Qrendi l-ħin kien dejjem ivarja. Kull xahar is-surmast kien jibgħat fl-uffiċċju ta' l-iskejjel il-ħin tal-ftuħ ta' l-iskola u kien iniżżlu wkoll fil-*Log Book* ta' l-Iskola. Fl-1920 kien hemm innovazzjoni oħra fl-edukazzjoni f'Malta. Din kienet il-ftuħ ta' skejjel ta' bil-lejl għan-nisa. L-ewwel lokalitajiet li gawdew minn din l-inizjattiva kienu l-Belt, il-Ħamrun, Tas-Sliema, Ħal Qormi, l-Isla, Bormla, Ħal Tarxien, il-Mosta u Victoria (Għawdex). Skond ir-rapport ta' A.V. Laferla, l-attendenza kienet inkoraġġanti u kienet irreġistrat progress.

## Klassijiet taż-Żgħar

Mal-bidu tas-seklu għoxrin kompliet titwessa' l-possibbiltà ta' edukazzjoni iktar sħiħa għaliex infetħu numru ta' klassijiet taż-żgħar f'diversi postijiet. Fl-1900 kien hemm klassi taż-żgħar fl-Imqabba, l-ewwel fost l-irħula tal-madwar li kellu klassi taż-żgħar. F'Ħal Kirkop infetħet skola għaż-żgħar fl-1905. Kien hemm klassijiet sew għall-bniet u sew għas-subien u l-attendenza kienet inkoraġġanti ferm.

### Attendenza fl-Iskola taż-Żgħar

| | Subien | Bniet | Total |
|---|---|---|---|
| 1905-06 | 14 | 10 | 24 |
| 1906-07 | 10 | 8 | 18 |
| 1911-12 | 5 | 13 | 18 |
| 1912-13 | 17 | 11 | 28 |
| 1913-14 | 11 | 22 | 33 |
| 1914-15 | 9 | 17 | 26 |
| 1915-16 | 17 | 22 | 39 |

### Attendenza fin-Night School

| | Subien | Bniet | Total |
|---|---|---|---|
| 1900 | 18 | | 18 |
| 1901 | 8 | | 8 |
| 1903 | 20 | | 20 |
| 1904-05 | 16 | | 16 |
| 1905-06 | 16 | | 16 |
| 1906-07 | 9 | | 9 |
| 1911-12 | 14 | | 14 |
| 1912-13 | 107 | | 107 |
| 1913-14 | 22 | | 22 |
| 1914-15 | 42 | | 42 |
| 1915-16 | 18 | | 18 |

Il-Popolazzjoni ta' l-Iskola ta' Ħal Kirkop fl-Ewwel Snin tas-Seklu Għoxrin

**IS-SITT DISTRETT**

| Data | Pop. | Kap<br>Skola Subien<br>Skola Bniet | L-Ewwel<br>Ħatra fl-Iskola<br>mill-Gvernatur | Salarju fis-sena<br>f'Lira Sterlina | Attendendenza<br>Subien<br>Bniet<br>Total | L-Ewwel<br>Ħatra mill-<br>Gvernatur |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1900 | | Spiteri Alfonso | 01/03/1892 | 55 | 28 | 01/05/1875 |
| | | | | 16 (Skola Serali) | 29 | |
| | | Buccia Emilia (acting) | 01/01/1901 | 20 | 57 | |
| 1901 | | Spiteri Alfonso | 01/03/1892 | 55 | 27 | 01/05/1875 |
| | | | | 16 (Skola Serali) | 33 | |
| | | Buccia Emilia (acting) | 01/09/1900 | 20 | 60 | |
| 1903 | | Spiteri Alconso | 01/03/1892 | 60 | 28 | 01/05/1875 |
| | | | | 16 (Skola Serali) | 35 | |
| | | Buccia Emilia (acting) | 01/09/1900 | 20 | 63 | |
| 1904-05 | | Spiteri Alfonso | 01/03/1892 | 60 | 25 | 01/05/1875 |
| | | | | 16 (Skola Serali) | 19 | |
| | | Buccia Emilia (acting) | 01/09/1900 | 20 | 44 | |
| 1905-06 | | Spiteri Alfonso M. | 01/03/1892 | 81 | 16 | 19/07/1882 |
| | | Buccia Emilia | 01/10/1905 | 40 | 15 | 01/11/1885 |
| | | | | | 31 | |
| 1906-07 | | Spiteri Alfonso M. | 01/03/1892 | 81 | 20 | 01/05/1875 |
| | | Buccia Emilia | 01/10/1905 | 40 | 23 | 01/11/1885 |
| | | | | | 43 | |
| 1911-12 | | Spiteri Alfonso M. | 01/01/1901 | 81 | 19 | 01/05/1875 |
| | | Bucca Emilia | 01/10/1905 | 55 | 22 | 01/11/1885 |
| | | | | | 41 | |
| 1912-13 | | Spiteri Alfonso M. | 01/01/1901 | 81 | 22 | 01/05/1875 |
| | | Buccia Emilia | 01/10/1905 | 55 | 30 | 01/11/1885 |
| | | | | | 52 (Enrolment as on 01/09/1912) | |


**THUNDERBIRD GARAGE**

ZAREN D'AMATO

***Motor Mechanic, Silencer Manufacturer & Fitting Marine Engines***

***24 Hour Towing Services***

St Mary Street, Bubaqra - Żurrieq Mobile: 9945 7555